**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 119/2002

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Micallef)

Vs

Emanuel Camilleri

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Marzu 2002 ghall-habta tat-8.20 hrs f'Indipendence Avenue, Mosta:

1) Saq vettura bin-numru BAU 392 mhux fuq il-moghdija ta' ma' genb il-bankina jew fuq il-passagg ta' gewwa nett tat-triq b'hekk ingumbra l-passagg liberu ghall-traffiku iehor;
2) Talli wkoll waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;
3) Talli wkoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
4) Talli wkoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
5) Talli wkoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont. u dan ai termini tal-Artikoli MVR 77, 75, 90, MVR 125, Sec. 15 (1)(a)(2), Chap 65,

bit-talba tal-Prosekuzzjoni li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux inqas minn tlett xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli tal-Ligi partikolarment l-MVR 77, 75, 90, 125 u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u lliberatu minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta' Mejju 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja tas-sewqan.

Rat li l-aggravji tal-Avukat Generali fil-qosor jikkonsistu filli l-eba gudikant , rinfaccjat bi provi diretti , skjaccanti u affidabbli bhal ma kienu dawk naxxenti mid-depozizzjoni tax-xhud ewlieni PC 1002 Alfred Sciberras , kif ukoll fl-istess hin rinfaccat minn alibi hekk fjakka , insostenibbli , mhux korroborata u inverosimili bhal ma kienet dik tal-imputat appellat , ma seta' qatt jasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti . Fid-dawl tal-istat tal-provi , ma seta' qatt ikun hemm sitwazzjoni fejn, fi kliem l-Ewwel Qorti , rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti , li jhallu dubju f'mohh il-gudikant , jekk verament l-imputat appellat kienx fil-vettura BAU 392 fil-jum , hin u lok indikat mill-Ufficjal tal-Pulizija P.C. 1002 Alfred Sciberras.

Semghet mill-gdid il-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-incident gara meta fit-8 ta' Marzu, 2002, ghall-habta tat-8.20 a.m. , P.C. 1002, Alfred Sciberras li dak il-hin kien liebes pajzan u qed iwassal lit -tifel tieghu l-iskola , kien qed jaqsam minn fuq pedestrian crossing f' Independence Avenue il-Mosta , fejn il-Knisja ta' San Silvestru , fejn ma hemmx centre strip waqt li l-lights kienu homor ghat-traffiku veikolari . Skond il-kuntistabbli , dak il-hin gie Van bin-numru BAU 392 tal-marka TATA , "abjad b'xi faxx zghir" ; qabez vetturi li kienu waqfu sejrin fid-direzzjoni tal-Mosta , gie "wrong side" u invada il-karreggjata opposta u waqaf ezatt mall-pedestrian crossing (bla ma dahal fuqha) ezatt magemb ix-xhud. Umbaghad kif ix-xhud u ibnu ghaddew minn quddiemu u tellghu saqajhom fuq il-bankina , tal-van rega saq ghalkemm il-"lights" kien ghadhom homor u ma tax cans lill-pedestrians li kienu ghadhom qed jaqsmu wara x-xhud fuq il-"pedestrian crossing" li jkomplu jaqsmu . Tant li dawn bdew jikkumentaw li hadd ma jiehu hsiebhom dawn in-nies u bdew jghidu x' gharukaza ghax kienu jafu li x-xhud kien Pulizija. Ix-xhud kompla jghid li fil-van kien hemm l-appellant u ragel iehor li kien liebes base ball cap ta' kulur biege .

In kontroezami, ix-xhud qal li dak il-hin lid-driver ma waqqfux ghax kien pajzan imma ha n-numru tal-van. Hu ma kienx baghat ikellem lill-licensee tal-van . Fuq domandi tal-Qorti hu xehed li kien gharaf lill-appellat u ikkonferma li d-driver kien l-appellat mija fil-mija u li zgur ma kellux dubju . Dak il-hin kien rah sew u anki l-van kien ra sew .

Illi l-appellat fid-depozizzjoni tieghu xehed li fit-8 ta' Marzu, 2002 hu ma kienx hadem ghax hu xogholu ipoggi l-madum . Kien jum tax-xita . Il-mara tieghu kellha l-"parents day" tat-tfal l-iskola tan-Naxxar u hu kien qaghadilha d-dar bit-tfal u l-van ma harigx barra mill-garage . Il-van TATA tieghu u ma jsuqu hadd aktar lanqas martu ma ssuqhu ghax hi ghandha karozza taghha. Cahad li dak in-nhar kien akkompanjat minn xi hadd liebes base ball cap ghax id-dar kien u ma harigx.

In kontroezami , l-appellat qal li jaqbel li l-van bin -numru BAU 392 hu tieghu izda dan kulur abjad b'faxxi vjola u maroon , igifieri kwazi nofsu u mhux bil-faxx irqieq kif qal il-kuntistabbli . Lil-Kuntistabbli ma kienx jafu qabel rah il-Qorti . Il-"parents day" kienet tibda mit-8 a.m. sa' nofsinhar u martu kienet marret lura d-dar f'xil-11 a.m.

Illi mart l-appellat Ruth Camilleri xehdet li dak in-nhar tal-jum imsemmi fl-akkuza hi kella l-"parents day" u halliet lit-tfal mar-ragel . Kienet gurnata xita, harget il-car mill-garage u marret l-iskola bil-karozza taghha u hi ma tuzax il-van ghax dan dejjem ikun mghobbi bl-ghodod u ramel u karretti ta' zewgha anki filghaxija. Hi marret il-"parents day" ghall-habta ta' xit-8 - 8.10 a.m. u damet sa xil-11.am. Ghaliha zewgha kien baqa' mat-tfal timmagina ghax kieku t-tifel kien jghidilha "Id-daddy mar hemm jew id-daddy mar hemm." Dan kien oggett ta' bzonn u qaghadilha mat-tfal.

Ikkonsidrat Illi l-mertu ta' dan l-appell jimpernja ruhu fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt u xejn aktar u kollox jiddependi ghandux jitwemmen P.C. 1002 Alfred Sciberras li jghid li gharaf mhux biss in-numru u l-ghamla u l-kulur tal-van izda ukoll lill-appellat li kien isuq l-istess van , jew lill-appellat li, ghalkemm jaccetta li dak il-van huwa tieghu u ma jsuqu hadd aktar jghid li dak in-nhar il-van kien hallieh fil-garage ghax ma marx ghax-xoghol billi kien qaghad ma' uliedu d-dar ghax martu kellha tmur il-"parents day". Dil-versjoni sa certu punt hija korroborata minn mart l-appellat , li xehdet li meta harget biex tmur il-parents day , f' xit-8.00 - 8.10 a.m. , ftit minuti qabel l-allegat incident , halliet lill-appellat mat-tfal.

Illi din il-Qorti li semghet il-provi mill-gdid , ghalkemm bl-ebda mod ma trid titfa' xi dawl negattiv fuq l-operat u x-xhieda ta' P.C. 1002, Alfred Sciberras , ukoll , bhall-Ewwel Qorti ghandha dubju ragjonevoli dwar il-htija tal-appellat . F'kazijiet bhal dawn , meta wiehed jara li qed tigi kommessa kontravvenzjoni jew ksur tal-ligi minn vettura, li ma titwaqqafx dak il-hin "in flagrante" , ikun ferm rakkomandabbli li min jirraporta, partikolarment fil-kaz ta'ufficjal tal-Pulizija , li isegwi l-kaz billi jibghat jew iqabbad xi fizzjal iehor biex jibghat ghal sid il-vettura kemm jista' jkun malajr u jinterrogah dwar l-allegat ksur tal-ligi . B'dan il-mod ikun aktar possibbli li tigi verifikata l-identita' tas-sewwieq li jkun allegat li kiser il-ligi b'dik il-vettura u wiehed ikun jista' jivverifika minnufieh u "a tempo vergine" il-movimenti tieghu jew xi alibi li joffri . Dan ma sarx fil-kaz in ezami .

Umbaghad ghalkemm in-numru tal-van li ha P.C. Sciberras jaqbel ma dak tal-van tal-appellat , id-deskrizzjoni li ta P.C. Sciberras tal-van hi kontestata , ghax fil-waqt li P.C. Sciberras isemmi "van abjad b' xi faxx zghir" , l-appellat jghid li dal-van ghandu faxxi vjola u maroon , igifieri kwazi nofsu u mhux bil-faxx

irqieq". Illi fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma tista' tigi imwarrba u skartata ix-xiehda ta' mart l-appellat li tghid li dak in-nhar halliet lill-appellat id-dar mat-tfal ghax hi riedet tmur l-"parents day" proprju ftit minuti qabel ma gara dak li hu allegat li gara u li sa fejn taf hi zewgha hemm baqa' .

Kollox ma kollox, din il-Qorti ma thossx li tista' issib htija minghajr ma jibqala' dak in-"nagging doubt" u dan id-dubju dettat mir-raguni minhabba l-konflitt fil-provi ghandu jwassal , kif del resto wassal lill-Ewwel Qorti - ghall-liberazzjoni tal-appellat .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ikkonfermata.

Joseph G. Galea Debono .
19.09.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur